MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 886/2012

**Av. Dr. Josette Sultana (I.D. Nru. 510271 (M)) bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija V.O.F. VASTGOED B&B**

**vs**

**MARAY & GRANT LIMITED**
**(C – 39880)**

**U**

**RAYMOND BUHAGIAR iben Spiru u Carmela nee` Schembri imwieled Pieta` u residenti Zebbug, karta ta' l-identita` numru 134256 (M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-5 ta' Settembru, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti nomine ppremettiet is-segwenti:

1. Illi permezz ta' prokura appozita (ara fol 4 et sequitur), hi giet mahtura mandatarja specjali tas-socjeta` estera fuq indikata registrata fir-Renju tal-Olanda;

2. Illi permezz tas-sentenza tal-qorti tad-distrett ta' Assen, l-Olanda, datata s-17 ta' Lulju, 2012, fl-ismijiet "*V.O.F. Vastgoed B&B"* vs 1. "*Maray & Grant Limited*" (C – 39880), 2. Raymond Buhagiar, (ara fol 5 *et sequitur* u fol 12 *et sequitur*), is-socjeta` ntimata giet dikjarata li ghandha tidher ghall-kuntratt finali ffirmat bejn "*V.O.F. Vastgoed"* u Raymond Buhagiar li deher ghan-nom tal-kumpanija "*Maray & Grant Limited*", u dan fi zmien jumejn (2), mid-data tas-sentenza *de quo*;

3. Illi l-qorti estera sabet li l-intimati naqsu jidhru ghal kuntratt u konsegwentement ordnat li "*Maray & Grant Limited*" kellha tonora l-kuntratt fuq riferit fi zmien jumejn (2) minn notifika tas-sentenza *in dizamina*;

4. Illi fin-nuqqas li "*Maray & Grant Limited*" tonora din l-obbligazzjoni, l-istess qorti estera ordnat penali ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro, (€25,000.00), ghall-kull gurnata li l-istess socjeta` hawn indikata tibqa moruza, bil-penali *de quo* titla` sa massimu ta' miljun Ewro, (€1,000,000.00), oltre l-ispejjez provizorji kif indikati fl-imsemmija sentenza ammontanti ghal erbat elef, hames mija u tlettax –il Ewro u sbatax –il centezmu, (€4,513.17);

5. Illi s-socjeta` ntimata hi registrata Malta u ghalhekk ir-rikorrenti nomine tixtieq li s-sentenza estera fuq riferita tigi nfurzata kontra l-intimati *ai termini* tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 44/2001 dwar il-Gurisdizzjoni u Rikonoxximent u l-Infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet Civili u Kummercjali, kif emendat;

6. Illi ghaldaqstant, ir-rikorrenti nomine aderiet lil din il-qorti biex, prevja kwalunkwe provvediment u/jew dispozizzjoni li joghgobha taghti:

i. Tirrikonoxxi d-decizjoni moghtija mill-qorti ta’ Assen tar-Renju ta’ l-Olanda datata s-17 ta’ Lulju, 2012, fl-ismijiet “*V.O.F. Vastgoed B&B*” vs 1. “*Maray & Grant Limited*” (C – 39880) 2. Raymond Buhagiar, u

ii. Tiddikjara l-imsemmija decizjoni infurzabbli u ezegwibbli kontra s-socjeta` ntimata;

iii. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Stabbiliet li s-sentenza in dizamina deciza mill-Qorti Distrettwali ta’ Assen, l-Olanda, datata s-17 ta’ Lulju, 2012, hi sentenza regolari mahruga minn qorti ta’ Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

Illi konsegwenza tal-istess, bis-sahha tal-artikoli 31 u 38 (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 4/2001 hu assodat li:

1. Applikazzjoni tista’ ssir f’xi Qorti ta’ kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea ghall-mizuri provizorji, anke protettivi, li jkunu accessibbli f’dak l-Istat Membru fejn qed issir l-applikazzjoni;

2. Sentenza moghtija fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea hi ghalhekk ezegwibbli fl-Istat Membru l-iehor kif hekk dikjarata skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

Illi din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti nomine:

1. Ipprezentat id-dokumenti kollha pertinenti debitament awtentikati u fejn mehtieg, tradotti skont il-ligi;

2. Illi l-imsemmija dokumentazzjoni tissodisfa l-precett impost mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 44/2001 fuq gia` riferit;

3. Illi konsegwenza tal-istess din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tirrikonoxxi l-azzjoni ntavolata bhala valida fil-ligi u konsegwentement:

i. Tirrikonoxxi d-decizjoni moghtija mill-qorti ta' Assen, Renju ta' l-Olanda, datata s-17 ta' Lulju, 2012, fl-ismijiet "*V.O.F. Vastgoed B&B*" vs 1. "*Maray & Grant Limited*" (C – 39880) 2. Raymond Buhagiar;

ii. Tiddikjara li d-decizjoni msemmija u ndikata fil-paragrafu precedenti hi nfurzabbli u ezegwibbli kontra s-socjeta` ntimata;

iii. Bl-ispejjez kontra l-intimati fuq riferiti.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------